# 5.TIPPROFESSA SORU

"Mill-lum ' quddiem inti jsejhulek Swor Marija Faustyna. Mill-lum ma jsejhulikx aktar bl-isem tal-Maghmudija, izda jghajtulek Swor Marija Faustyna"

Helenka semghet dawn il-kelmiet waqt ic-ceremnoja tal-vestizzjoni tal-velu u t-tunika fit-30 ta' April tas-sena 1926. Matul ic-ceremonja darbtejn taha hass hazin. Swor Klemensa Buczek li ghenitha biex



tnehhi l-libsa l-bajda u tilbes it-tunika hasbet li dan kien effett ta' l-emozzjoni assocjat ma' l-abbandun tad-dinja. Filwaqt li dan sehh biex Alla juriha kemm kellha tbati. Fehmet ghalxiex kienet diehla. It-tbatija damet biss mimuta u mill-gdida Alla fawrilha lir-ruhha b'konfort kbir.

Wara inqas minn xahrejn ta'novizzjat kien hemm tibdil fil-madre li kienet tiehu hsieb in-novizzi; fl0k Madre Małgorzata Gimbutt giet Madre Józefa Brzoza li kienet imharrga gewwa Laval fi Franza. Din harrget sew in-novizzi fil-hajja spiritwali u ghallmithom biex jaghrfu lil Alla aktar profondament, jitolbu u jghixu hajja axxetika hekk li l-pieta' taghhom ma tkunx wahda emozzjonali u rabta, imma ghaqda aktar profonda ma' Alla billi jobdu, jumiljaw ruhhom, jhobbu li ghajrhom u jnisslu zelu fihom ghas-salvazzjoni ta' l-erwieh li kienu fdati fil-kura appostoliku tal-Kongregazzjoni.

Dawn l-istruzzjonijiet Swor Faustina harsithom u ghexithom b'ezatezza kbira. Swor Krescencja Bogdanik li kienet sena qabilha minnha fin-novizzjat tirrakonta hekk: "  Swor Faustina kienet taqdi d-doveri taghha b'entusjazmu. Billi jiena kont sena qabilha kelli ngib ruhi maghha ta' gwida. Ridt innissel fiha sens ta' hajja fil-kommunita' u ammirajtha kemm kienet tighallem malajr. Ma kellix ghalfejn nghidilha darbtejn kif soltu kien jigri ma' novizzi ohra. Dejjem wiccha mimli ferh bhal ta' tfajjel. "

Swor Szymona Nalewajk  tirrakonta li f'dan iz-zmien kienet titkellem spiss fuq il-hniena ta' Alla filwaqt li " jiena kont infakkarha fuq il-gustizzja ta' Alla. Imma l-argumenti taghha kienu hekk konvincenti li dejjem kienet tirbah hi. Shabha s-sorijiet kienu jsejhulha "l-Avukat" ghaliex kienet kapaci li tiddiskuti il-veritajiet divini b'mod car. Kienu jhobbuha u waqt il-hin liberu kienu jingabru madwarha ghaliex hsibijietha u kliemha kienu ndirizzati lejn Alla u barra minn hekk kien dejjem ferhana."

Imma dak il-ferh gheb lejn tmiem l-ewwel sena taghha tan-novizzjat meta bdiet ghaddejja minn zmien ta' nixfa spiritwali. Swor Fawstina tghid: *" Lejn tmiem l-ewwel sena tieghi fin-novizzjat bdejt ghaddejja minn dieqa tar-ruh. Ma bdejt inhoss ebda konsolazzjoni fit-talb tieghi; kelli naghmel sforz kbir hafna biex nimmedita u biza' kbir waqa' fuqi. Ma bdejtx nara hlief mizerja. Stajt nara kemm Alla kien Qaddis. Ma kellix hila nerfa' ghajnejja Lejh imma, inxhet minn tuli fl-art u bdejt nitolbu jkollu hniena minni…..ma bdejtx nifhem x'kont qed naqra, bdejt nahseb li t-talb tieghi ma kienx qed jghogob lil Alla u anke wasalt nahseb li meta kont nersaq lejn is-Sagramenti Mqaddsa kont qed noffendi lil Alla. Imma minkejja dan kollu, il-konfessur tieghi qatt ma ippermettihieli nonqos minn tqarbina wahda. Alla beda' jahdem fir-ruh tieghi b'mod li ma stajtx nifhem. Anke l-veritajiet l-aktar semplici tal-Fidi saru ghaliha xi haga li ma stajxt nifhem. U kien hemm mumenti li wahhaltha f'rasi li Alla keccieni. Dan il-hsieb nifidli*

*lir-ruhi u waqt dawn is-sofferenzi kollha ruhi bdiet tghaddi mill-agunija tal-mewt. Ridt immut imma ma stajtx (Djarju 23)*

Swor Fawstina kellha l-ghajnuna ta majjistra novizza waqt dawn l-esperjenzi ta' tant ugigh. Din gharfet il-kundizzjoni spiritwali taghha li ma kienitx haga hafifa, u applikat ir-rimedju addattat. Wissiet li Swor Fawstina li tghid gjakolatorji minflok talb twil li kien jehtieg ammont konsiderevoli ta' koncentrazzjoni u fl-istess hin taccdetta r-rieda ta' Alla. Qaltilha li Alla kien ghadu Missierha minkejja li kien qed jghaddiha mill-prova u li dawn it-tribulazzjonijiet kien thejjija ghal ghaqda aktar shiha Mieghu.

F'dawn l-iljieli ta' dlam ghar-ruh taghha kien hemm mumenti ta' dawl u ferh meta Alla ppermettielha li thoss imhabbtu jew meta s-Sinjura kienet qrib taghha biex tghinha. Mument wiehed minn dawn kienet ic-ceremonja ta' meta ghamlet l-ewwel wieghdi taghha fit-30 ta' April tas-sena 1928  quddiem l-isqof Stanisław Rospond. Il-genituri taghha gew ghac-ceremonja taghha fil-kunvent ta' Łagiewniki. Rathom ghal l-ewwel darba wara bosta snin. Sabuha kollha ferhana u kuntenta. "Qed tara, missier," qalet lil missierha li kien kontra l-idea taghha li tidhol soru. "Lil Dak li jiena ghamilt il-wieghdi tieghi huwa r-ragel tieghi u ghalhekk inti hatnu." Dan l-argument u l-ferh ta' binthom ipperswadu l-genturi taghha fuq s-sejha taghha religjuza u minn dak il-jum 'l quddiem ma sabu ebda oggezzjoni ohra li binthom tghix go kunvent.

Swor Fawstina baqghet ghal xi ftit xhur gewwa Krakovja wara li hadet il-voti taghha. F'Ottubru tas-sena 1928 il-Kongregazzjoni ghamlet l-ewwel Kapitlu taghha u l-ufficju ta' Madre Generali kien afdat f'idejn Madre Michaela Olga Moraczewska li kellha edukazzjoni ta' livell gholi. Kienet gradwata fil-konservatorju tal-muzika u titkellem hafna lingwi. Kienet generuza u hajjitha kollha ghaddietha biex isalva l-erwieh. Ghal 18 il-sena hija mexxiet il-kongregazzjoni fil-hajja spiritwali u appostolika. Hija afdat l-Ordni taghha f'idejn Marija,

Omm il-Hniena wara l-vizzjonijiet ta’ Swor Fawstina. Swor Fawstina kellha fiducija shiha fil-Madre Michela li tatha ghajnuna kbira biex twettaq il-vokazzjoni taghha u kienet il-mara tal-providenza biex taghraf il-missjoni tal-profezija.

Fl-ewwel snin wara li ghamlet il-voti religjuzi taghha Swor Fawstina hadmet f’diversi djar tal-Kongregazzjoni. L-ewwel gewwa Varsavja fi Zytnia, fis-sena 1929 marret Wilno biex tibdel soru ohra jisimha Petronela Basiura; mill-gdid irritornat Varsavja u fid-dar gewwa Zytnia biex imbaghad baghtuha f’dar gdida gewwa Hetmanska fid-distrett ta’ Grochow. Fl-istess sena giet trasferita gewwa Kiekrz hdejn Poznan biex tiehu x-xoghol fil-kcina li kienet taghmel Swor Modesta Rzeczkowska li kienet marida. F’Dicembru ta’ l-istess sena giet lura gewwa Zytnia imma ma damitx wisq. Ghaliex intbaghet f’diversi kunventi ohra ta’ l-Ordni